**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 25 t'Ottubru 2020**

**Rik. Gur. Nru.: 208/2019/2 JPG**

**Kawza Nru.: 25**

**MS**

**vs.**

**DS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MS datat 25 ta' Frar 2021, a fol 2 et seqq., fejn wara li ddikjara dak premess, talab lill-Qorti sabiex:

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezisteni bejn il-partijiet u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu55(1) tal-Kapitolu Sittax (16) tal-Ligijiet ta'Malta;*

2. *Tordna tali sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini ta' l-artikolu 55(5) ta' l-imsemmi Kapitolu 16; u*

3. *Tiddikjara li r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni ta' l-assi.*

*U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraqa*

*u opportuni.*

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 2021;

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' DS datata 29 ta' Marzu 2021, a fol 12 et seqq., fejn wara li ddikjarat dak premess, hija sostniet:

> *Illi ghalhekk, l-esponenti qed topponi ghat-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors odjern, b'dan illi, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha xorta takkolji t-talbiet tar-rikorrenti, allura tali xoljiment m'ghandhux ikun retroattiv, izda ghandu jkun effettiv u jidhol biss fis-sehh b'effett mid-data tad-digriet finali li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti fl-atti tar-rikors odjern.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju elfejn u wiehed ghoxrin (2021) fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attur permezz tar-rikors datat 25 ta' Frar 2021 fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attur u l-intimata u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu preguddizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

L-intimata rikonvenzjonanta qieghda toggezzjona ghat-talba tal-attur in kwantu hemm disparita' kbira fl-introjtu rispettiv tal-partijiet, u dana stante li l-introjtu generat mill-partijiet jifforma comunque parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u dan l-introjtu ghandu eventwalment jittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza: ***Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell***[1] fejn intqal:

> ***"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le.***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.

> ***Ezami tal-artiklu 55(4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalfika bhala ostaklu ghall-pronunzja ta' tali sentenza.***
>
> ***Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il-darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat. Dana gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Jael Cassar vs Robert Cassar.***[2]

Dina l-Qorti taghmel taghha li-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fejn gie ddikjarat illi:

> ***l-pregudizzju mhux proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li minn jallegah jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova ibcumbit ei qui dicit non ei qui negat***[3]**.**

Illi kif inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> **"*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*"**

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

[2] Deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it- 3/12/2013 212/2019/2 RGM.
[3] Vide **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015.

Illi wkoll fil-kawza su indikata, u cioe dik fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**, il-Qorti tal-Appell apparti li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal wkoll:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

In vista tal-ligi u tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-attur humiex:

1. **Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u**
2. **Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni **jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv.** Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li dak li qieghed jitlob l-attur huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh, u mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:

> ***"[l]- ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell…"***

Il-Qorti rat illi fit-trattazzjoni saret referenza ghad-decisjoni tal-Qorti tal-Familja diversament preseduta mid-difensur tal-attur, fl-ismijiet: AB vs CB deciza nhar it-30 t'Ottubru 2014, fejn gie rilevat is-segwenti:

> ***Fil-fehma tal-Qorti dan ma hux il-pregudizzju mhux proporzjonat li kellu f'mohhu l-Legislatur. F'kawza ta' separazzjoni wahda mit-talbiet principali hi li l-komunjoni tigi terminata. Bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 55 il-Legislatur ried li fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni jew divorzju l-partijiet jistghu jitolbu li l-komunjoni tigi terminata. Certament li l-Legislatur kien konxju tal-fatt illi mat-terminazzjoni tal-komunjoni kull parti ma tibqax tippartecipa mid-dhul tal-parti l-ohra. Tali rizultat isehh prattikament ma' kull terminazzjoni. Ghalhekk il-pregudizzju li l-attrici qed tilmenta minnu fl eventwalita' li r-rikors in dizamina jigi akkolt ma jikkwalifikax bhala 'pregudizzju mhux proporzjonat' kontemplat fl-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Illi qabel tindirizza l-pern tar-rikors odjern, din il-Qorti sejra taghmel parentezi zghira, fejn tfakkar lill-partijiet illi f'dana l-istadju fejn din il-Qorti ghadha tisma l-provi dwar ir-responsabilita' ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti, dana l-aspett pero', ftit li xejn huwa ta' relevanza fl-isfond ta' talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Kif diga ribadit, l-ghan primarju wara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti huwa propju sabiex jigi evitat li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jigi imputat lill-komunjoni, iktar u iktar jekk dak allegat mill-konvenuta fir-risposta taghha li l-attur ghandu f'mohhu li jixtri propjeta immobbli fil-vicin, huwa effettivament minnu.

Illi l-Qorti wara li regghet ratt l-atti kollha, u b'mod partikolari ir-risposta tal-konvenuta ghar-rikors tal-attur, rat illi effettivament l-unika oggezzjoni li hija resqet hija il-kwistjoni rigward id-disparita' fl-introjtu, stante li fis-sitt paragrafu tar-risposta taghha tirrileva: *"Illi filwaqt li l-***esponenti, fil-principju, ma ghandha ebda oggezzjoni illi r-rikorrenti jipprocedi ghax-xiri tal-fond f'ismu wahdu u li daqstant iehor ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti[4],*** *madanakollu tqis illi huwa partikolarment oggezzjonabbli illi tali talba kellha ssir f'kuntest ta' tghajjir…"*

Il-Qorti rat illi ghalkemm il-proceduri jinsabu differiti ghall-kontinwazzjoni tal-provi, in atti, hemm diga esebita dokumentazzjoni sostanzjali relattiva ghall-kontijiet bankjarji tal-partijiet. Illi jirrizulta wkoll illi fil-mori, id-dar matrimonjali inbieghet u illi mir-rikavat thallas id-dejn li kienu ghadu pendenti fuq l-istess fond. Illi ghalhekk jidher illi dak li jonqos jigi ndirizzat ai fini ta' komunjoni, huwa l-kreditu parafernali pretiz mill-intimata. Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha l-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fid-decisjoni taghha fl-ismijiet:

---

[4] Enfazi tal-Qorti.

***AB vs CB*** deciza nhar it-30 t'Ottubru 2014, fejn gie ritenut illi t-telf mid-dhul tal-attur, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qort mhuwiex 'pregudizzju mhux proporzjonat'.

1. **Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur *in toto* u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici. Tiddikjara inoltre, li r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni ta' l-assi.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**